IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 8.7.2009
KUMM(2009) 365 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal- 20 ta' Jannar 2009 li tagħti għajnuna finanzjarja Komunitarja lil-Latvja għal medda medja ta' żmien

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilita' li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri u b'mod partikolari l-Artikolu 5, it-tieni sottopragrafu, flimkien mal-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF),

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2009/289/KE, il-Kunsill iddeċieda li jagħti assistenza reċiproka lil-Latvja. Bid-Deċiżjoni 2009/290/KE, il-Kunsill iddeċieda li jagħti assistenza finanzjarja fuq il-medda medja ta' żmien lil-Latvja.

(2) L-ambitu u l-intensità tal-kriżi finanzjarja li qed taffettwa lil-Latvja titlob reviżjoni tal-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika previsti għall-għoti tal-ħlasijiet tal-assistenza finanzjarja Komunitarja bil-għan li jkunu kkunsidrati l-effetti fiskali bħala riżultat tat-tnaqqis sinifikanti fil-PGD.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/290/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3(5), il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Implimentazzjoni ta' programm fiskali mfassal b'mod ċar fuq il-medda medja ta' żmien sabiex id-defiċit ġenerali tal-gvern jinġieb taħt il-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PGD fi żmien stipulat u fi triq ta' konsolidazzjoni konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lil-Latvja adottati skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv."

2. Fl-Artikolu 3(5), il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Implimentazzjoni tal-baġit għall-2009 u l-adozzjoni tal-baġit għall-2010 b'miżuri sostenibbli konsistenti mat-triq ta' konsolidazzjoni."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Latvja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill,
Il-President